

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



**Opinjoni 7/2020 dwar l-abbozz tal-lista tal-awtorità
superviżorja kompetenti ta' Franza rigward l-operazzjonijiet
ta' pproċessar eżenti mir-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt
fuq il-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 35(5) tal-GDPR -
(General Data Protection Regulation))**

Adottata fit-22 ta' April 2020

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Werrej

1	SOMMARJU TAL-FATTI	5
2	VALUTAZZJONI.....	5
2.1	Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward iż-żidiet fil-lista ppreżentata	5
2.2	Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista	6
2.3	Analiżi tal-abbozz tal-lista	6
	Ġestjoni ta' attivitajiet kummerċjali.....	6
3	KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET	6
4	RIMARKI FINALI.....	6

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(2), l-Artikolu 64(3), u l-Artikolu 35(1), (5), (6) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 51(1)(b) tad-Direttiva 2016/680/UE dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (minn hawn 'il quddiem id-“Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni 13/2019 dwar l-abbozz tal-lista tal-awtorità superviżorja kompetenti ta' Franza rigward l-operazzjonijiet ta' pproċessar eżenti mir-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 35(5) tal-GDPR mill-EDPB (European Data Protection Board),

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”) fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. F'konformità mal-Artikoli 35(6) u 64(2) tal-GDPR, il-Bord għandu joħroġ opinjoni meta awtorità superviżorja (SA - supervisory authority) tkun biġsibha tadotta lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar mhux soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 35(5) tal-GDPR. Għaldaqstant, l-għan ta' din l-opinjoni huwa li jinħoloq approċċ armonizzat fir-rigward ta' pproċessar li jkun transfruntier jew li jista' jaffettwa l-moviment liberu tad-*data* personali jew ta' persuni fiżiċi madwar l-Unjoni Ewropea. Għalkemm il-GDPR ma jimponix li jkun hemm lista unika, huwa jipromwovi l-konsistenza. Il-Bord jipprova jikseb dan l-oġġettiv fl-opinjoni tiegħu billi jiżgura li l-listi ma jikkontradixxux il-każijiet li fihom il-GDPR espliċitament jiddikjara li tip ta' pproċessar irid jgħaddi minn valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (minn hawn 'il quddiem “DPIA”, data protection impact assessment), billi jirrakkomanda lill-SAs biex ineħħu xi kriterji li l-Bord iqis li mhumiex korrelati man-nuqqas ta' probabbiltà ta' riskji għoljin għas-suġġetti tad-*data*, billi jirrakkomandalhom jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tat-tipi ta' pproċessar sabiex ma jikkontradixxux ir-regoli ġenerali definiti fil-linji gwida tad-DPIA tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29², approvati mill-EDPB, u finalment billi jirrakkomandalhom l-użu ta' xi kriterji b'mod armonizzat.

(2) B'referenza għall-Artikolu 35(5) u (6) tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti jistgħu jistabbilixxu listi tat-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li mhumiex soġġetti għar-rekwiżit ta' DPIA. Huma għandhom, madankollu, japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza meta listi bħal dawn ikunu jinvolvu operazzjonijiet ta' pproċessar li jkun relatati mal-għoti ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-

¹ Ir-referenzi għal “Stati Membri” li saru f'din l-opinjoni jenħtieġ li jinftiehem bħala referenzi għal “Stati Membri taż-ŻEE”.

² Linji Gwida tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 - 248 rev.1, tal-4 ta' April 2017, dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* li jiddeterminaw jekk l-ipproċessar jistax “x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli” għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 - approvat mill-EDPB.

data jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri, jew ikunu jistgħu jaffettwaw sostanzjalment il-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 70(1) tal-GDPR, l-EDPB jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. Skont l-Artikolu 64(2), il-mekkaniżmu ta' konsistenza jista' jiġi skattat minn awtorità superviżorja, mill-President tal-EDPB jew mill-Kummissjoni għal kwalunkwe kwistjoni ta' applikazzjoni ġenerali jew li tkun qed tikkawża effetti f'aktar minn Stat Membru wieħed. Skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR, l-EDPB għandu joħroġ opinjoni dwar il-kwistjoni ppreżentata lilu dment li ma jkunx diġà ħareġ opinjoni dwar l-istess kwistjoni.

(4) Filwaqt li l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, dan ma jfissirx li jenħtieġ li l-listi jkunu identiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-kuntest nazzjonali jew reġjonali u jenħtieġ li jqisu l-leġislazzjoni lokali tagħhom. L-għan tal-valutazzjoni/opinjoni tal-EDPB mhuwiex li tinkiseb lista unika tal-UE, iżda pjuttost li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni ekwivalenti tas-suġġetti tad-*data* madwar iż-ŻEE.

(5) It-twertiq ta' DPIA huwa mandatorju biss għall-kontrollur skont l-Artikolu 35(1) tal-GDPR, meta l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". L-SAs nazzjonali jistgħu joħorġu listi dwar ċerti attivitajiet ta' pproċessar li dejjem jeħtieġu DPIA (blacklists) f'konformità mal-Artikolu 35(4) kif ukoll listi tal-każijiet li fihom ma tkun meħtieġa l-ebda DPIA f'konformità mal-Artikolu 35(5) (whitelists). Meta l-ipproċessar ma jaqa' taħt l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ listi u ma jissemmiex fl-Artikolu 35(3) tal-GDPR, ikollha tittieħed deċiżjoni *ad hoc* mill-kontrollur tad-*data* abbażi ta' jekk ġie issodisfat il-kriterju li "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". Skont il-Premessa 91 tal-GDPR, DPIA mhijiex se tkun obligatorja meta l-ipproċessar isir minn tabib individwali, professjonist tal-kura tas-saħħa ieħor jew avukat, peress li mhijiex ta' skala kbira biżżejjed. Din l-eċċezzjoni tkopri biss parzjalment il-każijiet meta ma tkunx meħtieġa DPIA, jiġifieri meta ma jkunx hemm riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi.

(6) Il-listi prodotti mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti jappoġġaw objettiv komun, jiġifieri li jidentifikaw it-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom l-SAs nazzjonali huma ċerti li, taħt l-ebda ċirkostanza, ma huma se jsarrfu f'riskju għoli, u operazzjonijiet ta' pproċessar li l-SAs nazzjonali ma jqisux li huwa probabbli li jirriżultaw f'riskju għoli, u għalhekk ma jeħtieġux DPIA. Il-Bord jirreferi għal-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar id-DPIA, li jistabbilixxu kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati għad-determinazzjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar "*li x'aktarx jirriżultaw f'livell għoli ta' riskju*"³. Kif stabbilit f'dawn il-linji gwida, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa żewġ kriterji jkun jeħtieġ li ssir DPIA. Madankollu, f'xi każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa wieħed biss minn dawn il-kriterji jkun jeħtieġ DPIA.

(7) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR b'rabta mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl ikun komplut. B'deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat addizzjonali, filwaqt li titqies il-komplessità tas-suġġett.

³ Il-Premessi 75, 76, 92, 116 tal-GDPR.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-awtorità superviżorja kompetenti ta' Franza ppreżentat l-abbozz tal-lista tagħha lill-EDPB, li fiha żewġ żidiet mal-lista adottata preċedentement. Fis-26 ta' Frar 2020 ittiegħdet id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl u r-rikjesta għet iċċirkolata.
2. L-opinjoni trid tiġi adottata fit-22 ta' April 2020.

2 VALUTAZZJONI

2.1 Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward iż-żidiet fil-lista ppreżentata

3. Kull lista ppreżentata lill-EDPB għet interpretata li tkompli tispeċifika kemm l-Artikolu 35 tal-GDPR li għandu jipprevali fi kwalunkwe każ, kif ukoll il-Premessa 91. B'hekk, l-ebda lista ma tista' tkun eżawrjenti.
4. Din l-opinjoni ma tittrattax il-punti ppreżentati mill-Awtorità Superviżorja Franċiża, li tqiesu li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35(6) tal-GDPR. Dan jirreferi għal punti li la għandhom x'jaqsmu "mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data*" f'diversi Stati Membri u lanqas mal-monitoraġġ tal-imġiba tas-suġġetti tad-*data* f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, mhuwiex probabbli li dan "jaffettwa sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fl-Unjoni". Madankollu, għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Bord se jenumera l-punti tal-lista, li tqiesu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35(6) tal-GDPR. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha li għandhom x'jaqsmu mal-infurzar tal-liġi ma ġewx ikkunsidrati, peress li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.
5. Din l-opinjoni ma tikkumentax fuq xi punti fil-lista, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Premessa 91.
6. L-opinjoni għal dwar il-listi tal-Artikolu 35(4) tal-GDPR kellhom ukoll l-għan li jiddefinixxu bażi konsistenti ta' operazzjonijiet ta' pproċessar, li l-Bord talab lill-Awtoritajiet Superviżorji kollha biex iżidu fil-lista tagħhom jekk għadhom ma għamlux dan, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Bħala regola ġenerali l-listi tal-Artikolu 35(5) tal-GDPR ma jistgħux jeżentaw dawn l-operazzjonijiet ġenerali ta' pproċessar.
7. Il-listi stabbiliti mill-SAs skont l-Artikolu 35(5) tal-GDPR minnhom infushom mhumiex eżawrjenti. Dawn il-listi fihom tipi ta' pproċessar li fir-rigward tagħhom l-SAs nazzjonali huma ċerti li taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jwasslu għal riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi, u operazzjonijiet ta' pproċessar li l-SAs nazzjonali jqisu improbabbli li jwasslu għal riskju għoli. Dawn il-listi ma jistgħux jenumera il-każijiet kollha li fihom DPIA ma tkunx meħtieġa. Fi kwalunkwe każ, jibqa' applikabbli l-obbligu tal-kontrollur jew tal-proċessar li jivvaluta r-riskju tal-ipproċessar u li jikkonforma mal-obbligi l-oħra imposti mill-GDPR.
8. Jekk din l-opinjoni ma tindirizzax ċerti punti elenkati fil-lista, ikun ifisser li l-Bord mhuwiex qed jitlob lill-Awtorità Superviżorja Franċiża tiegħu azzjoni ulterjuri.
9. Fl-aħħar nett, il-Bord ifakkar li t-trasparenza hija kruċjali għall-kontrolluri tad-*data* u għall-proċessuri tad-*data*. Sabiex jiċċara l-entrati fil-lista, il-Bord huwa tal-opinjoni li referenza espliċita fil-listi għall-kriterji stabbiliti fil-linji gwida, tista' ttejjeb din it-trasparenza.

2.2 Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista

10. L-abbozz tal-lista ppreżentat mill-Awtorità Superviżorja Franċiża huwa marbut mal-għoti ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri u/jew jista' jaffettwa sostanzjalment il-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni, prinċipalment minħabba li l-operazzjonijiet ta' pproċessar fl-abbozz tal-lista ppreżentat mhumiex limitati għas-suġġetti tad-*data* f'dan il-pajjiż.
11. L-EDPB jinnota li għall-punti 13 u 14 kull dokument ta' "qafas ta' referenza" msemmi jitqies li jagħmel parti mill-abbozz tad-deċiżjoni.
12. Barra minn hekk, l-EDPB preċedentement ikkunsidra l-punti 1-12 tal-abbozz tad-deċiżjoni ppreżentat fil-kuntest tal-Opinjoni 13/2019 tiegħu.
13. Rigward il-punt 13 u b'konsiderazzjoni tal-Artikolu 64(3) tal-GDPR, il-Bord ifakkar li fl-Opinjoni 13/2019 tiegħu lill-Awtorità Superviżorja Franċiża huwa ddikjara li għal dawn it-tipi ta' pproċessar, il-kamp ta' applikazzjoni jeħtieġ li jiġi ristrett billi "jiġi ddikjarat li ma japplikax għall-attivitajiet ta' pproċessar rigward djun li ġew akkwistati minn parti terza, u li dan japplika biss għal djun dovuti fil-kuntest ta' relazzjoni ta' negozju ma' konsumatur. Barra minn hekk, il-Bord jirrakkomanda li l-evalwazzjoni u l-punteġġ jiġu espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-punt."

2.3 Analiżi tal-abbozz tal-lista

14. Meta jitqies li:
 - a. l-Artikolu 35(1) GDPR jirrikjedi DPIA meta l-attività ta' pproċessar x'aktarx tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi; li
 - b. l-Artikolu 35(3) tal-GDPR jipprovdi lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' pproċessar li jeħtieġu DPIA, u li
 - c. l-Bord attwalment jikkunsidra biss il-punt 14 tal-abbozz tad-deċiżjoni ppreżentata, il-Bord huwa tal-opinjoni li:

ĠESTJONI TA' ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI

15. Il-Bord ifakkar ir-raġunament tiegħu fl-Opinjoni 11/2019 li fiha, għal dan it-tip ta' attivitajiet ta' pproċessar, talab ir-restrizzjoni tal-"kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-punt billi jkopri biss ir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-klijenti, eskluż l-ipproċessar ta' *data* sensittiva jew *data* ta' natura personali ħafna u eskluż l-ipproċessar ta' *data* fuq skala kbira." Il-Bord għalhekk jirrakkomanda li l-Awtorità Superviżorja Franċiża tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-punt bl-istess mod.

3 KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

16. L-abbozz tal-lista tal-Awtorità Superviżorja Franċiża jista' jwassal għal applikazzjoni inkonsistenti tal-Artikolu 35 tal-GDPR u jirrakkomanda li jsiru l-bidliet li ġejjin:
 - Rigward il-ġestjoni tal-attivitajiet kummerċjali: il-Bord jirrakkomanda li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-punt jiġi ristrett billi jiġu koperti biss ir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-klijenti u l-esklużjoni tal-ipproċessar ta' *data* sensittiva jew ta' *data* ta' natura personali ħafna mill-punt.

4 RIMARKI FINALI

17. Din l-Opinjoni hija indirizzata lill-Commission Nationale de l'Informatique et des Libertés (l-Awtorità Superviżorja Franċiża) u se tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.

18. L-Awtorità Superviżorja Franċiża għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-Bord biex din tiddaħħal fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li ġew soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, f'konformità mal-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)